MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 84/1998/1

**Carmel Vella**

**v.**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Ikun xieraq li qabel xejn jissemew il-fatti l-aktar saljenti li ipprecedew din il-kawza. Carmel Vella ("l-appellant") flimkien ma' persuni ohra kienu jiggestixxu barriera Nru. 9,

Qasam il-Kbir, fil-limiti tal-Qrendi. Jirrizulta li f'xi zmien, li ma giex specifikat fl-atti, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar waqqfithom milli jkomplu joperaw din il-barriera. Minn din id-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, l-appellant intavola appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord"). Jirrizulta li fil-kors tas-smigh ta' dan l-appell, l-istess Bord ordna li jsir a spejjez ta' l-appellant *environmental impact assessment* qabel ma tinghata d-decizjoni finali. Jirrizulta li t-*terms of reference* relattivi biex ikun jista' jsir dan l-*environmental impact assessment* inghataw mill-Awtorita` appellata.

2. Qabel ma tlesta u gie prezentat lill-Bord dan l-*environmental impact assessment*, sehhew zewg zviluppi importanti da parti ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Infatti, bis-sahha ta' notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 400 li giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Gunju 1996, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar iddikjarat li qeghdha tinkludi fil-lista ta' proprjeta` skedata, skond l-Artikolu 46 ta' l-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, diversi irdumijiet ta' madwar il-kosta ta' Malta. Dawn l-irdumijiet gew dikjarati bhala siti ta' importanza ekologika tat-tieni livell (kif jidhru fil-pjanti mehmuza ma' l-istess notifikazzjoni tal-Gvern), u dan skond it-termini tal-*Policy* RCO12 tal-Pjan ta' Struttura u klawzoli 15.34 – 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess pjan. L-istess irdumijiet gew ukoll dikjarati bhala siti ta' sbuhija naturali skond it-termini tal-*Policy* RCO1 tal-Pjan ta' Struttura. Fost l-irdumijiet li hekk gew skedati kien hemm ukoll mill-irdumijiet maghrufa bhala Ta' Bexxiexa sa Ghar Lapsi fil-limiti tal-Qrendi u tas-Siggiewi.

3. Jirrizulta li fit-23 ta' Lulju 1996, l-appellant kien oggezzjona ghall-iskedar tal-*buffer zone* ghall-irdumijiet maghrufa bhala Tal-Maghlaq, limiti ta' Ghar Lapsi. Jirrizulta li din l-oggezzjoni ta' l-appellant ma gietx milqugha mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghaliex b'decizjoni kontenuta f'ittra tat-12 ta' Frar 1997, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar irrijaffermat l-iskedar li kien sar ta' l-imsemmija rdumijiet bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 400 tal-25 ta' Gunju, 1996.

4. Billi l-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, huwa intavola appell minnha quddiem il-Bord permezz ta' ittra datata 10 ta' Marzu, 1997. Dan l-appell igib in-Nru. 126/97 u bih l-appellant talab li tigi annullata d-decizjoni li kienet ittiehdet mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar fit-12 ta' Frar, 1997.

5. It-tieni zvilupp sehh permezz ta' Notifkazzjoni tal-Gvern Nru. 241 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' April, 1997. Bis-sahha ta' din in-notifikazzjoni, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar iddikjarat li kienet qeghdha tinkludi fil-lista ta' proprjeta` skedata skond l-Artikolu 46 ta' l-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, diversi proprjeta` fosthom it-tempji megalitici ta' l-Imnajdra u Hagar Qim li gew dikjarati bhala ta' klassi A skond it-termini tal-*Policy* ARC2 tal-Pjan ta' Struttura, kif ukoll il-bjar antiki imqatta' fil-blat, il-Misqa, il-Qrendi u l-katakombi paleo-kristjani, il-Maghlaq, is-Siggiewi, li kollha gew dikjarati bhala ta' klassi A skond it-termini tal-*Policy* diga` msemmija. Fl-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern, dawn l-erba' proprjetajiet gew indikati bin-numru 27, 28, 26, u 30.

6. Jirrizulta li permezz ta' ittra datata 22 ta' April 1997, u li giet ricevuta fis-7 ta' Mejju 1997, l-appellant intavola appell quddiem il-Bord. Jidher li l-intenzjoni ta' l-appellant kienet li joggezzjona ghall-klassifikazzjoni li saret tal-katakobmi paleo-kristjani Tal-Maghlaq denominati bin-Nru. 30 fl-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern, ghalkemm id-dokument li bih sar l-appell jindika li l-appell kien qieghed isir relattivament ghall-propjreta` Nru. 27, u cioe` t-tempji megalitici ta' l-Imnajdra. Dan l-appell gie moghti n-Nru. 240/97 mill-Bord.

7. Jirrizulta illi z-zewg appelli, cioe` dak li jgib n-Nru. 126/97 u dak li jgib n-Nru. 240/97, bdew jinstemghu kontestwalment b'ordni li ta l-Bord fis-17 ta' Ottubru, 1997.

8. Wara li l-Bord sema' lill-partijiet huwa ghadda biex ta d-decizjoni tieghu fis-27 ta' Frar 1998, b'liema decizjoni huwa iddecieda z-zewg appelli flimkien.

9. Id-decizjoni hawn fuq msemmija tal-Bord, tirriproduci n-noti tas-sottomissjonijiet li ghamlu l-partijiet quddiem il-Bord u tikkonkludi hekk:
“Li jrid jiddeciedi dan il-Bord huwa jekk l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tistax tiskeda proprjeta` meta hemm *environment impact assessment* li jkun ghadu qed jiehu l-kors tieghu fuq l-istess proprjeta` li tkun giet skedata;

Ra l-artikolu 46 ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp li jaqra kif gej:-

“(1) L-Awtorita` ghandha thejji, u minn zmien ghal zmien tirrevedi, lista ta’ zoni, bini, strutturi u fdal b’importanza geologika, paleontologika, arkeologika, arkitettonika, storika, ta’ qdumija jew artistika, kif ukoll zoni ta’ sbuhija naturali jew ta’ valur ekologiku jew xjentifiku (hawn wara msejha “proprjeta` skedata”) li ghandhom jigu skedati ghal konservazzjoni u tista’ dwar il-proprjeta` skedata kollha, jew wahda jew aktar minnha, taghmel ordni ghal preservazzjoni biex tirregola l-konservazzjoni taghhom.

(2) Il-lista tal-proprjeta` skedata u kull zieda maghha jew bidla fiha, ghandhom jigu pubblikati fil-Gazzetta. L-Awtorita` ghandha wkoll tavza lil wiehed mis-sidien maghrufa ta’ xi proprjeta` skedata bil-fatt li hija nkluza fil-lista u b’kull ordni ghal konservazzjoni maghmula dwarha.

(3) Ix-xogholijiet fi proprjeta` skedata, u d-demolizzjoni, tibdil jew estensjoni taghha, huma projbiti jew ristretti kif provdut f’dan l-artikolu jew f’ordni ta’ konservazzjoni.

(4) Ebda xoghol ta’ kull xorta m’ghandu jsir f’proprjeta` skedata jew fuqha u ebda proprjeta` skedata m’ghandha tigi demolita, mibdula jew imkabbra hlief bil-permess ta’ l-Awtorita` moghti fuq applikazzjoni li ssirilha u li jkun fiha dawk id-dettalji li l-Awtorita` tehtieg, jew skond id-disposizzjonijiet ta’ ordni ghal konservazzjoni; u ghall-ghanijiet ta’ dan l-artikolu, hsara lil u distruzzjoni ta’ kull parti ta’ proprjeta` skedata ghandha titqies bhala demolizzjoni taghha.

(5) Permess ta' l-Awtorita` u ordni ghal konservazzjoni moghti jew maghmul taht dan l-artikolu jista' jkun fihom dawk il-kundizzjonijiet u disposizzjonijiet ohra li l-Awtorita` jidhrilha mehtiega jew espedjenti; u ordni ghal konservazzjoni jista' jirregola kull haga li tolqot proprjeta` skedata.

(6) Dwar kull proprjeta` skedata l-Awtorita` jkollha wkoll is-setgha li tehtieg b'avviz bil-miktub li s-sid jaghmel dawk ix-xogholijiet, imsemmija b'mod generali jew kif specifikati fl-avvis, li jkunu mehtiega biex jigi zgurat li ma jkunx hemm aktar deterjorament. Jekk jonqos, l-Awtorita` tista' taghti lis-sid avviz iehor biex jaghmel u jispicca x-xogholijiet fi zmien specifikat, u jekk is-sid ikompli jonqos l-Awtorita` tista' taghmel hi x-xoghol mehtieg jew tqabbad lil min jaghmlu, u tirkupra l-ispejjez ta' dak ix-xoghol minghand is-sid tal-proprjeta` skedata.

(7) Jekk proprjeta` skedata tigi demolita bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li tinstab hatja ta' dak ir-reat ikollha l-obbligu, b'zieda ghal kull penali jew effett iehor taht dan l-Att, li thallas kumpens lill-Awtorita` kalkulata fuq il-bazi ta' l-oghla minn fost li gej:

(a) il-valur tal-haga distrutta;
(b) l-ispejjez biex tigi restawrata jew imsewwija;
(c) il-vantagg finanzjarju li jista' jittiehed bhala konsegwenza tad-demolizzjoni.";

Il-Bord jinnota li dan l-artikolu ghandu x'jaqsam mal-kontroll ta' l-izvilupp u li l-Awtorita` ghandha kull dritt li tiskeda l-proprjeta` msemmija fl-artikolu 46 irrispettivament minn kull applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp li tkun pendenti quddiem l-Awtorita`. In fatti, l-poter moghti lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar li tiskeda proprjeta` huwa indipendenti minn dak li tipprocessa applikazzjonijiet ghall-premess ta' l-izvilupp. Ghalhekk, il-Bord huwa tal-fehma li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghandha kull dritt li tezercita l-poteri taghha taht l-Artikolu 46 ta' l-Att Numru I tal-1992 irrispettivament mill-poteri l-ohra moghtija lill-istess Awtorita` fir-rigward ta' l-iprocessar ta' applikazzjonijiet tal-permessi ghall-izvilupp;

Il-punt li issa jrid jindirizza l-Bord huwa jekk l-iskedar kienx wiehed prematur ladarba kien qed isir *environmental impact assessment* dwar l-istess sit, liema *impact assessment* ghandu termini li huma aktar wiesa’ minn dawk li a bazi taghhom gie skedat is-sit mertu ta’ dan l-appell;

Il-Bord irid izomm quddiem ghajnejh li jekk fl-*environmental impact assessment* jirrizultaw fatti godda li sal-lum mhumiex maghrufa mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, l-Awtorita` tista’ dejjem, a tenur tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 46 ta’ l-Att Numru 1 tal-1992, tirrevedi l-livell ta’ importanza moghti lill-proprjeta` skedata. Fi kliem iehor, l-iskedar fih innifsu mhux assolut imma l-istess Awtorita` tista’ tirrevedih jekk hija tigi a konjizzjoni ta’ fatti godda li hija ma kinitx taf bihom meta approvat l-iskedar. Dan qieghed jinghad f’din id-decizjoni peress li mill-provi prodotti mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, is-sit mertu ta’ dawn l-appelli huwa wiehed li ghandu jigi skedat bhala area ta’ importanza ekologika tat-tieni livell skond it-termini ta’ Policy RCO 12 tal-Pjan ta’ Struttura u Klawsoli 15.34 sa 15.40 ta’ l-*Explanatory Memorandum* ghall-istess Pjan ta’ Struttura u bhala Area ta’ Sbuhija Naturali skond it-termini ta’ Policy RCO 12 tal-Pjan ta’ Struttura;

Il-Bord huwa tal-fehma li l-iskedar tal-buffer zone ghall-gholiet tal-Maghlaq limiti ta’ Ghar Lapsi skond in-notifikazzjoni tal-Gvern numru 400 tal-1996 kif ukoll l-iskedar ta’ Tempji Imnajdra huma necessarji, kif spjegat fir-rapport tad-Direttorat ta’ l-Ippjanar, sabiex dan il-wirt kulturali dinji jigi protett. Il-Bord jinnota wkoll li dan il-wirt kulturali lokali huwa protett wkoll mill-UNESCO convention tal-1972 dwar il-wirt Kulturali u Naturali u li certament huwa l-lok li jigi skedat kif effettivament gie skedat;

Jekk fl-*environmental impact assessment* jirrizulta li l-*grading* ghandu jinbidel, m’hemm xejn li jzomm lill-istess Awtorita` milli taghmel dan, sew indipendentement b’inizjattiva taghha stess jew wara li tircievi talba f’dak is-sens mill-appellant;

Ghal dawn il-motivi, il-Bord qed jichad iz-zewg appelli u jikkonferma l-iskedar maghmul mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar."

10. Ghall-kompletezza, kopja shiha tad-decizjoni tal-Bord, moghtija fis-27 ta' Frar 1998, qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**II L-APPELL**

11. L-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni tal-Bord u ghalhekk huwa intavola appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' l-appell prezentat fis-16 ta' Marzu, 1998. L-imsemmi rikors, li qieghed jigi riprodott bhala appendici ghal din is-sentenza, jelenka l-aggravji ta' l-appellant u jitlob li din l-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord u tilqa' l-appell bl-ispejjez kontra l-Awtorita` appellata.

12. L-appell gie kontestat mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar permezz ta' risposta ta' l-appell ipprezentata fl-1 ta' April, 1998. L-Awtorita` appellata eccepiet preliminarjament in-nullita` ta' l-appell stante li l-appell ma sarx fuq punt ta' ligi deciz fid-decizjoni tal-Bord kif huwa rikjest mil-ligi. Inoltre, l-Awtorita` spjegat ghaliex id-decizjoni appellata kienet gusta u timmerita li tigi konfermata. Ghalhekk talbet li din l-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

13. L-appellant jimenta li l-Bord ta decizjoni wahda minflok decizjoni separata ghal kull wiehed miz-zewg appelli. Huwa jissottometti li din hija procedura skorretta u tista' twassal ghan-nullita` tad-decizjoni appellata.

14. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-Bord ma ghamel xejn proceduralment skorrett meta iddecieda li jaghti decizjoni wahda fuq iz-zewg appelli. Huwa kien diga` iddecieda u ta ordni li z-zewg appelli jinstemghu kontestwalment minhabba li l-mertu taghhom kien

intimament konness ma' xulxin. Il-ligi li ikkreat il-Bord, taghtu s-setgha li jirregola l-procedura tieghu, u ma hemm xejn fl-istess ligi li timpedixxi li huwa jsewgwi l-procedura li adopera, u cioe`, li jiddeciedi z-zewg appelli in kwistjoni b'decizjoni wahda. Wiehed irid ukoll izomm quddiem ghajnejh, li dan huwa Bord annimistrattiv fejn in-nuqqas ta' formalita` zejda ghandha tikkaratterizza l-proceduri quddiem il-Bord. Ghalhekk ma ghandu jkun hemm l-ebda ilment ta' nullita` tal-proceduri meta l-istess proceduri ma jkunu bl-ebda mod ippregudikaw xi interess ta' xi parti. Din il-Qorti thoss li ma ghandhiex ghalfejn tkompli tapprofondixxi dan l-aspett ghaliex dan il-punt gie deciz minn din il-Qorti diversi drabi qabel, u hawn tista' ssir referenza ghal per ezempju, s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1997, fl-ismijiet Alex Ellul vs il-Kummissjoni Ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp (Appell Numru 145/95A).

15. Jehtieg li tigi issa ikkunsidrata u deciza l-eccezzjoni procedurali preliminari sollevata mill-Awtorita` appellata. Biha qed jigi allegat li l-appell intavolat mill-appellant huwa wiehed null u bla effett ghaliex ma huwiex bazat fuq xi punt ta' ligi li gie deciz mill-Bord. Din l-eccezzjoni evidentement hija imsejsa fuq is-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 15 ta' l-Att Nru. 1 tal-1992.

16. Il-Bord fid-decizjoni appellata ikkonkluda li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kellha kull dritt li tiskeda proprjeta` nonostante li jkun hemm fil-konfront ta' din l-istess proprjeta` *environmental impact assessment* li jkun ghadu qed jiehu l-kors tieghu. Dan peress li l-Artikolu 46 ta' l-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jaghti lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar din is-setgha. Il-Bord iddecieda wkoll li l-iskedar li sar ma kienx prematur minhabba li tali skedar seta' jigi rivedut kemm b'inizjattiva ta' l-Awtorita`stess, kif ukoll wara talba mill-appellant, jekk jirrizulta li l-*environmental impact assessment* jippuntwalizza fatti godda li jiggustifikaw tali revizjoni.

17. Illi din il-Qorti analizzat bl-akbar kura l-kontenut kollu tar-rikors ta' l-appell ta' l-appellant, u qieset sewwa l-aggravji kollha li tressqu fih u waslet ghall-konkluzjoni li l-

ebda wiehed minn dawn l-aggravji ma jikkontjenu xi punt legali li gie deciz mill-Bord. Korrettement analizzat, ir-rikors ta' l-appell ma fih l-ebda kritika sostanzjali ghad-decizjoni legali li wasal ghaliha l-Bord fid-decizjoni appellata. Ghall-kuntrarju, r-rikors ta' l-appell jikkontjeni kritika assidwa ghall-operat ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, fuq liema kritika pero` appell statutorju bhal dan ma jistax jigi ibbazat. Dan ghaliex il-legislatur ikkonferixxa fuq din il-Qorti meta tkun qeghdha titratta u tiddeciedi appelli bhal dawn, gurisdizzjoni limitatissima. Infatti, din il-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tirrivedi kwistjonijiet ta' fatt jew kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi, u lanqas ma tista' tidhol biex tirrevedi jew taghmel l-apprezzamenti taghha dwar aspetti purament teknici ta' l-ippjanar. Kwistjonijiet bhal dawn jidhlu fil-mansjonijiet esklussivi tal-Bord u ghalhekk jisfuggu mill-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Ghall-kompletezza jista' jinghad li din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet legali li wasal ghalihom il-Bord fid-decizjoni appellata u ghalhekk ma hemmx lok li l-appell jigi milqugh.

18. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord bl-ispejjez kontra l-appellant.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar tas-27 ta' Frar 1998, qeghdha tigi annessa bhala appendici mas-sentenza odjerna biex tifforma parti integrali minnha.

Qed tigi annessa wkoll kopja tar-rikors ta' l-appell ta' l-appellant intavolat quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------